MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 1590/1998/1

**Martin Mizzi**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Dicembru 2001 u fid-29 ta' Ottubru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenzi fl-ismijiet premessi:-

**Sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2001**

"**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' Lm626.79 (sitt mija u sitta w ghoxrin lira maltija u disa w sebghin centezmu) rappresentanti

bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ appogg bejn il-propjeta tal-attur “Id-Dwejra”, Triq l-Artillieri, M’Scala u l-propjeta tal-konvenut adjacenti fl-istess triq, u dana skond kont mahrug mill-AIC Ronald Muscat Azzopardi, liema kont digia ntbghat lill-konvenut u li kopja tieghu giet esebita u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-prezentata tal-Avviz, kontra l-konvenut li gie minn issa ngunt biex jidher u ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi jigi sottomess bir-rispett li mhux minnu li l-attur ghandu jiehu l-ammont minnu indikat fl-avviz fl-ismijiet aktar il-fuq precitati stante illi:

(i) l-konvenut ezegwixxa l-maggor parti tax-xogholijiet hu personalment u
(ii) dik il-parti mix-xogholijiet ezegwita mill-attur jew agenti tieghu u li taghha qieghed jitlob li jigi rimborsat ma gietx ezegwita skond is-sena u l-arti u dan kif jigi pruvat f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghal liema raguni , jekk jirrizulta l-kaz, l-ammont li jista jkun dovut huwa ferm izghar.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-14 ta’ Jannar 1999 fejn gie nnomintat lill AIC Michaelangelo Refalo bhala perit tekniku.

Rat id-digriet tat-28 ta’ Jannar 1999 fejn l- AIC Michaelangelo Refalo gie sostitwit bil-perit AIC Joseph Mizzi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Camilleri fejn eccepixxa:

1 Illi t-talba attrici, kif dedotta fl-avviz fl-ismijiet aktar il-fuq indikati, ghandha tigi michuda bl-ispejjes

stante illi hija preskritta peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta meta kien dovut l-appogg.

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata fl-1 ta’ Novembru 1999.

Rat id-digriet tal-10 ta’ Marzu 2000 fejn issospendiet l-inkarigu tal-perit tekniku AIC Joseph Mizzi.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Gunju 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Martin Mizzi pprezentata fil-25 ta’ Lulju 2001

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Martin Mizzi pprezentata fit-30 t’ Ottubru 2001

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi kif jirrizulta wkoll min-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar l-applikabilita tat-terminu ta’ hames (5) snin ghal preskrizzjoni tat-talba attrici.

Dak illi l-attur qieghed jikkontesta huwa fl-ewwel lok illi t-terminu tal-preskrizzjoni ma lahaqx iddekorra qabel ma hu pprezenta l-avviz u dana ghaliex ma ghadewx hames (5) snin minn meta il-konvenut irrenda il-hajt divizorju komuni u li fit-tieni lok, kwalunkwe kaz, din il-preskrizzjoni setghet giet interrotta b’diskuzzjonijiet dwar il-konteggi.

Ghal dak li jirrigwarda t-terminu ta’ hames (5) snin dan evidentement ghandu jibda jghaddi minn dik il-gurnata illi

fiha l-konvenut jkun ittermina x-xogholijiet kollha tieghu li bihom huwa jkun ghamel komun il-hajt divizorju kostruit mill-parti l-ohra.

Il-provi f'dan ir-rigward jikkonsistu fid-dokumenti esibiti mill-konvenut fuq naha wahda u d-deposizzjoni tal-perit Ronald Muscat Azzopard prodott mill-attur.

Mill-provi prodotti mill-konvenut jirrizulta illi definittivament ma setghax jibda bil-kostruzzjonijiet tieghu qabel April 1991 billi din hija d-data tal-hrug tal-permessi relattivi ghal bini minnhu propost; inoltre l-konvenut esebixxa kopja ta' estratt mill-librett li fuqu kien jinnota l-progress tal-bini tieghu u f'din il-kopja, taht d-data tas-27 ta' Novembru 1992, ghandhu mnizzel illi l-'washroom' tal-kostruzzjoni tieghu giet msaqfa.

Evidentement billi 'washroom' hija l-ghola parti tal-kostruzzjoni t-tisqif tal-'washroom' huwa indikattiv ta' data vicina ferm tat-terminazzjoni tal-bini. Inoltre l-istess konvenut ipprezenta kuntratt tas-6 ta' Lulju 1993 permezz ta' liema huwa biegh l-istess bini tieghu in kwistjoni lill certu Martin Borg u lill Manrose Sultana.

Ghalkemm f'dan il-kuntratt issemma illi l-post qieghed jinbiegh gebel u saqaf u saret ukoll deskrizzjoni ta' l-gholi tal-opramorta u anke issemmiet il-'washroom', f'ebda parti ta' dan il-kuntratt ma jissemma illi kien ghadt hemm xi xogholijiet illi l-konvenut kien ghadu tenut li jghamel.

Ghalhekk, wiehed ghandu ragonevolment jikkonkludi illi l-fond ossia l-bini tal-konvenut kien lest gebel u saqaf bl-appoggi kollha ikkompletati almenu fis-6 ta' Lulju 1993.

Din il-konkluzzjoni lanqas ma tirrizulta illi hija kontradetta minn dak illi xehed il-perit Ronald Muscat Azzopardi mqabbad mill-attur. Infatti l-istess perit Ronald Muscat Azzopardi f'ebda parti tad-deposizzjoni tieghu ma ghamel xi referenza specifika ghal bini tal-konvenut ossia ghal meta spicca mill-bini l-konvenut. Illimita ruhu biss biex jindika illi wara li spicca bil-bini l-konvenut, l-attur zied

bicca bini ohra u lesta dan il-bini xi ftit ta' zmien qabel l-24 ta' April ta' sena 1994.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi l-bini tal-konvenut u l-appogg mal-bini tal-attur kien tlesta qabel Lulju 1993 u li ghalhekk il-preskrizzjoni ghall-azzjoni attrici bdiet tiddekkorri minn dak in-nhar.

Billi mill-provi tal-attur ma tirrizulta ebda interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni b'xi att gudizzjarju l-azzjoni tieghu ghandha titqies li giet preskritta f"Lulju ta' 1998, ghalhekk qabel il-prezentata tal-avviz sa kemm ma jirrizultax xi att iehor tal-konvenut illi huwa tenut sufficjenti biex iwassal ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Mid-deposizzjoni tieghu l-attur jsosstni illi matul id-dekors tat-terminu huwa kellhu diversi inkontri mal-konvenut fejn ma kienux jaqblu fuq il-konteggi li kienu qieghed jsiru izda l-attur jippretendi illi l-konvenut qatt ma qallu illi huwa ma jriedx ihallsu.

Lanqas mid-deposizzjoni tal-konvenut bl-affidavit ma jirrizulta illi l-konvenut qieghed jippretendi illi huwa m'ghandhu jhallas xejn, izda f'dan ir-rigward ghandhu jinghad illi l-attur ma talabx biex il-konvenut jinghata l-gurament kontemplat fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16.

Ghalhekk dak li l-Qorti trid tiddetermina huwa jekk il-fatt biss illi l-konvenut kien jaccetta li jiltaqa ma' l-attur biex jsir diskusjonijiet dwar il-kunteggi relattivi ghal-appogg hux sufficjenti biex jservi ta' interruzzjoni ghall-preskrizzjoni.

Kemm mid-deposizzjoni tal-perit Ronald Muscat Azzopardi kif ukoll minn dik tal-attur jirrizulta illi matul il-perjodu preskrittiv kienu saru inkontri mal-konvenut fejn gew diskussi l-konteggi dwar l-ammont illi setgha kien dovut mill-konvenut.

Minn-naha tieghu l-konvenut fl'ebda mument ma nnega li huwa kien iltaqa ma' l-attur u li saru xi diskussjonijiet.

L-Artikolu 2133 tal-Kap 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja, u ghalhekk trid issir distinzjoni bejn meta l-konvenut ikun qieghed jikkontesta l-konteggi biss u meta l-konvenut ma jkunx qed jirrikonnoxxi d-dritt tal-attur li jithallas xi haga ghall-appogg.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt biss illi l-konvenut ma qabilx mal-konteggi li kienu qieghdin jsiru, m' ghandux jimplika illi huwa kien qieghed jsosstni illi huwa m'ghandux jghati lill-attur.

Infatti l-fatt biss tal-inkontru mal-attur biex jsiru xi konteggi huwa rikonnoxximent tad-dritt illi l-attur ghandu jithallas tal-appogg illi jghamel il-konvenut.

Kien ikun differenti kieku l-konvenut minflokk dikjarazzjoni li ma jaqbilx mal-kunteggi kien iddikjara li huwa ma ghandhu jghati xejn. Il-fatt biss illi l-konvenut kien insista illi jriedu jsiru konteggi ahjar u illi jriedu jsiru inkontri ulterjuri mal-periti, rispettivi, huwa indikattiv illi l-konvenut kien qieghed jirrikonnoxxi d-dritt tal-attur ghall-appogg.

Dan ir-rikonnoxximent ghad-dritt huwa bizzejjed biex jservi ghal interuzzjoni tal-preskrizzjoni u meta jirrizulta li din l-interruzzjoni avverat ruha wara April ta' 1994 meta l-perit Ronald Muscat Azzopardi ipprepara l-kont jirrizulta illi ma lahqux jiddekorrew il-hames (5) snin preskritti mill-ligi sal-presentata tal-avviz u ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Bl-ispejjez riservati ghal gudizzju finali."

**<u>Sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2003</u>**

"**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' Lm626.79 (sitt mija u sitta w ghoxrin

lira maltija u disa w sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' appogg bejn il-propjeta tal-attur "Id-Dwejra", Triq l-Artillieri, M'Scala u l-propjeta tal-konvenut adjacenti fl-istess triq, u dana skond kont mahrug mill-AIC Ronald Muscat Azzopardi, liema kont digia ntbghat lilhu u li kopja tieghu qed tigi annessa mal-avviz esibita u mmarkat (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri fejn eccepixxa illi:

1. Jigi sottomess bir-rispett li mhux minnu li l-attur ghandu jiehu l-ammont minnu indikat fl-avviz fl-ismijiet aktar il-fuq precitati stante illi: (i) l-konvenut ezegwixxa l-maggor parti tax-xogholijiet hu personalment u (ii) dik il-parti mix-xogholijiet ezegwita mill-attur jew agenti tieghu u li taghha qieghed jitlob li jigi rimborsat ma gietx ezegwita skond is-sena u l-arti u dan kif jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghal liema raguni , jekk jirrizulta l-kaz, l-ammont li jista jkun dovut huwa ferm izghar.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-14 ta' Jannar 1999 fejn gie nnominat l-AIC Michaelangelo Refalo bhala perit tekniku, in segwitu sostitwit bil-perit AIC Joseph Mizzi, b'digriet tat-28 ta' Jannar 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Camilleri fejn eccepixxa illi:

1. It-talba attrici, kif dedotta fl-avviz fl-ismijiet aktar il-fuq indikati, ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante illi hija preskritta peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta meta kien dovut l-appogg.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza taghha moghtija fis-7 ta' Dicembru 2001 fejn irrespingiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni solevata mill-konvenut.

Rat ir-relazzjoni pprezentata mill-perit tekniku Joseph Mizzi fit-23 t'Ottubru 2002.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-perit tekniku in esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu pprezenta r-relazzjoni tieghu fit-23 t'Ottubru 2001 u kkonfermaha bil-gurament fil-11 ta' Dicembru 2002 u dan wara illi kien zamm zewg (2) accessi fuq il-post biex setgha jikkonstata l-mizuri u anke jezamina l-kwalita` tax-xoghlijiet li saru fil-hajt tal-appogg.

Minn din ir-relazzjoni teknika jirrizulta illi x-xoghlijiet esegwiti mill-attur gew esegwiti lkoll skond l-arti u s-sengha. Infatti kif ikkumenta l-perit ghaddew xi ghaxar (10) snin minn meta kienu mibnija dawn l-istess hitan u ma hargux koncenturi fihom.

L-istess perit tekniku in segwitu kkonkluda illi l-kejl u l-mizurazzjonijiet illi huma ndikati fil-kont ulterjuri mahrug mill-perit Ronald Muscat Azzopardi esibit a fol 82 tal-process, u mmarkat dokument GMA 1, huma lkoll korretti u illikwida l-ammont li ghandhu jithallas mill-konvenut bhala sehem mill-ispiza in kostruzzjoni tal-hitan tal-appogg indikati fl-avviz fis-somma ta' Lm622.55 (sitt mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) u f'dan ir-rigward il-perit ghamel tieghu l-istess kont a fal 82 tal-process immarkat GMA 1.

Fil-Qorti minn naha taghha taddotta u taghmel taghha dawn il-konkluzzjonijiet u konsegwentement qedgha tilqa' t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm622.55 (sitt mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Settembru tal-1998;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Fil-korp tar-rikors ta' l-appell tieghu l-konvenut jirrileva li hu hassu aggravat bis-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2001 fejn l-ewwel Qorti cahditlu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Inoltre, l-istess konvenut jikkontendi wkoll illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta bbazat ir-ragonament u l-konkluzjoni taghha fil-meritu fuq ir-rapport peritali.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat issolleva fl-ewwel lok il-pregudizzjali ta' l-irritwalita` tal-appell in kwantu l-konvenut appellant ma indikax mil-liema wahda miz-zewg sentenzi kien qed jappella. Fir-rigward tal-aggravju riferibilment ghall-preskrizzjoni eccepita huwa jsostni illi l-provi fir-rigward da parti tal-appellant ma kienux attendibbli in vista tal-fatt illi mill-kuntratt tas-6 ta' Lulju 1993 (fol 35) hu indikattiv li certi xoghlijiet fih specifikati ma kienux ghadhom lesti u dippju kien hemm ix-xhieda tal-Arkitett Ronald Muscat Azzopardi konfermanti l-fatt illi x-xoghlijiet tlestew f'April 1994. Kwantu ghall-aggravju fil-meritu l-appellant isostni li l-kont hu bazat fuq kejl u prezzijiet accertati u inoltre l-appellant ma attakkax ir-rizultanzi peritali b'talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali.

Huwa logiku hafna illi din il-Qorti jenhtiegilha tiddisponi mill-eccezzjoni preliminari sollevata mill-attur appellant qabel kull indagini tal-aggravji sottomessi mill-appellanti.

L-Artikolu 231(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi "jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghaddi mill-jum meta tinghata l-

ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir l-appell".

Korrettement interpretat dan ifisser illi "s-sokkombent minn diversi sentenzi moghtija fl-istess kawza ghandu dritt, meta l-kawza tkun deciza bl-ahhar sentenza, jappella anki mis-sentenzi ta' qabel, avolja jkun ghadda z-zmien utli biex jappella minnhom; l-appell pero` jkun null ghal dawk is-sentenzi li ma jissemmewx espressament" (**Kollez. Vol XXIX pI p774**). Dan kien hekk japplika wkoll fil-kaz fejn taht il-Kodici ritwali anterjuri ghall-emendi ta' l-1995 kienet tvigi l-procedura tan-nota ta' l-appell. "Quando dopo la sentenza definitiva si vuole interpone appello anche avverso sentenza precedentemente resa sopra punti separati nella stessa causa, si deve fare menzione nella nota di appello e non basta domandarne la revoca o la riforma nella petizione" (**Kollez. Vol XXVII pI p666**).

Dan premess, l-artikolu 143 tal-Kap 12 jippreskrivi, imbaghad, x'ghandu jkun fih ir-rikors ta' l-appell. Skond is-subinciz (1) tieghu fejn ir-rikors ikun intiz ghat-thassir tas-sentenza, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk, dan ghandu jkun fih "riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata flimkien ma' ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qieghed isir l-appell u fih ghandu jintalab illi dik it-talba tigi milqugha jew michuda".

Skond il-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "**Helen Schembri et -vs- John Azzopardi Vella et**", tas-6 ta' Gunju 1986 kemm l-ewwel subinciz kif ukoll it-tieni wiehed, mahsub ghat-tibdil tas-sentenza "jippresupponu li dik is-sentenza tigi indikata bl-ismijiet tal-partijiet u bid-data taghha". Tajjeb hawn pero` li jigi precizat illi f'dik il-kawza fl-ebda parti tal-petizzjoni ta' l-appell ma kienet tissemma d-data tas-sentenza li minnha kien qed isir l-appell u, dippju, fid-decizjoni moghtija l-Qorti kienet hemm sahhet l-argoment taghha fuq il-formula stampata attinenti ghan-nota ta' l-appell biex minnha ngibdet l-inferenza illi b'egwal raguni rafforzata d-data kellha tigi wkoll indikata fil-petizzjoni ta' l-appell.

L-istess Qorti ta' l-Appell f'sentenza anterjuri ghal din kienet ukoll ezaminat il-punt jekk kienx possibbli illi, bl-adoperu ta' l-artikolu 175 (2) tal-Kap 12, issir il-korrezzjoni tan-nota u tal-petizzjoni ta' l-appell fuq it-talba tal-appellant biex jinkludi b'zieda d-data ta' sentenza precedenti qabel l-ohra finali. Fiha gie deciz, fuq l-istregwa tad-decizjoni a **Vol XXIX pI p1554**, illi fil-waqt li korrezzjoni ta' zball ta' data hija permessa din ma tkopriex il-kaz ta' totali omissjoni tad-data tas-sentenza in kwantu kwalunkwe aggunta tibdel sostanzjalment l-eccezzjoni tan-nullita`. Hekk inghad illi "kieku kellha tigi permessa l-addizzjoni ta' data ohra, cioe d-data ta' l-ewwel decizjoni, ikun qed jinghata dritt ta' appell minn decizjoni meta l-ebda appell ma jkun sar minnha fit-terminu mpost mil-ligi – haga din li zgur tezorbita minn dak li kellu f'mohhu l-legislatur fl-imsemmi artikolu 175 (2)" – "**Carmelina Formosa et -vs- Carmelo Grech et**", 1 ta' Frar 1984.

Fuq dan il-punt irid jigi rilevat illi ghalkemm prezentement wara l-emendi introdotti bl-Att XXIV ta' l-1995 ghal Kap 12, it-termini ta' l-artikolu 175 huma in generali ferm aktar wiesgha minn kif kien qabel, ma jidherx li sar tibdil sostanzjali ghal dak li jirrigwarda s-subinciz (2) tieghu fil-kaz ta' talba ghall-korrezzjoni quddiem qorti fi grad ta' appell.

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet, minn ezami tar-rikors odjern ta' l-appell jirrizultaw is-segwenti aspetti:-

(i) Fit-talba revokatorja ma tissemma l-ebda wahda miz-zewg sentenzi profferiti mill-ewwel Qorti.

(ii) Fl-istess talba l-appellanti jirreferi biss ghar-revoka tas-"sentenza appellata".

(iii) Fil-kuntest ta' l-aggravji imbaghad l-uniku accenn hu cirkoskritt b'mod espress ghas-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2001 fejn il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-ebda menzjoni pero` ma nsibu ghas-sentenza moghtija fid-29 ta' Ottubru 2003.

Mill-interpretazzjoni li din il-Qorti taghti lil dan il-kwadru ssib illi l-konvenut appellant kien qed jippresupponi li kien hemm biss decizjoni wahda fil-kawza. U anke jekk id-data taghha ma gietx espressament imsemmija fit-talba li biha ntalbet ir-revoka, hi l-fehma ta' din il-Qorti, minn dak rinvenut mill-korp ta' l-appell, illi d-decizjoni li minnha l-konvenut kien qed jappella kienet dik tas-7 ta' Dicembru 2001. Dan hu hekk indott 'aliunde' mill-korp ta' l-aggravji fejn id-data hi espressament msemmija. In bazi ghal din ir-riflessjoni s-sanzjoni estrema tal-irritwalita` invokata mill-attur appellat ma tistghax tigi akkolta hlief parzjalment fir-rigward tas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2003. F'din il-konkluzjoni taghha din il-Qorti tippropendi lejn il-principju salutari illi l-atti ghandhom, fejn possibbli u konsentit, jigu salvati, anzikke` annullati jew dikjarati irritwali.

Issa s-sentenza appellata tas-7 ta' Dicembru 2001 hi arginata bil-mod hawn taht imfisser:-

(1) L-ewwel Qorti titlaq mill-punt ta' partenza illi t-terminu preskrittiv invokat beda jiddekorri mis-6 ta' Lulju 1993, data tal-kuntratt li permezz tieghu l-konvenut biegh lil terzi l-bini minnu kostruwit. Ghalhekk skond l-istess Qorti l-azzjoni giet estinta f'Lulju 1998. Evidentement mill-parti razzjonali tas-sentenza hu ovvju li dik il-Qorti skartat il-pretiza tal-appellant illi fuq il-bazi tan-notament li jghid li zamm ix-xoghlijiet konnessi mat-tisqifa tal-washroom kienu ntemmu fis-27 ta' Novembru 1992.

(2) Stabbilit mill-Qorti illi t-terminu preskrittiv kien avvera ruhu hi mbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kienx hawn xi element interruttiv tal-istess preskrizzjoni. Determinat il-punt illi ma kien sar l-ebda att gudizzjarju iehor qabel il-prezentata tal-avviz fid-19 ta' Awissu 1998, il-Qorti nferjuri ghaddiet biex tezamina jekk kienx hemm rinunzja, espressa jew tacita, da parte tal-konvenut, inkompatibbli mal-preskrizzjoni eccepita.

(3) Fl-isfond tal-inkontri u diskussjonijiet dwar konteggi li jinghad li saru bejn il-kontendenti, l-ewwel Qorti affermat illi l-fatt biss tal-inkontri kellu jitqies per se rikonoxximent tad-dritt invokat ghall-hlas tal-appogg u l-fatt biss tal-

insistenza tal-konvenut li riedu jsiru konteggi ahjar u nkontri ulterjuri mal-periti kien indikattiv illi l-konvenut kien qieghed jirrikonoxxi d-dritt tal-appogg.

L-appellanti jikkritika din il-konkluzjoni billi jsostni illi d-diskussjonijiet u l-inkontri ma kellhom qatt jigu nterpretati bhala xi ekwiparazzjoni ghal rikonoxximent.

Jibda biex jigi osservat in tema ta' principju fuq is-suggett tar-rikonoxximent ta' kull debitu illi dan irid ikun car u esplicitu u li ghalhekk "gli atti dai quali si pretendesse desumere la intenzione di rinunziare alla prescrizione siano tali da far necessariamente supporre l'abbandono del diritto acquisito … …" (**Kollez Vol XXV pII p184**). Gja qabel din id-decizjoni kien gie rimarkat illi "la rinunzia non si presume e dev'essere concludentemente provato; se e` tacito, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante" (**Kollez Vol XVI pI 90**).

Fid-dawl ta' dawn l-enuncjazzjonijiet din il-Qorti ma tistax ragonevolment tikkondividi l-fehma tal-ewwel qorti illi d-diskussjonijiet u l-inkontri li ghalihom saret riferenza f'dan il-kaz kienu tali li jintegraw fihom ir-rikonoxximent tad-debitu jew rinunzja ghall-preskrizzjoni sollevata jew xi virtu interruttiva ghall-istess preskrizzjoni.

Din il-Qorti tkompli ssahhah din l-opinjoni taghha fuq l-osservanza u l-bazi tal-insenjamenti traccjati fil-gurisprudenza taghha:-

(1) Gja fis-sentenza fuq citata a **Vol XXV pII p184** kien inghad illi l-abbandun tad-dritt akkwizit "non si potrebbe desumere da profferte conciliative o da trattive … …"

(2) "L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (**Kollez. Vol XXXIV pI p326**).

(3) “In-negozjati jew trattivi li jsiru bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekors taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwestjoni ma jistghax ikollhom effikacja interruttiva … …” (**Kollez Vol XXXVIII pIII p723**).

(4) “Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b’xi transazzjoni jew b’mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta’ xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju” – “**Giovanna Mifsud noe et -vs- Rosaria Felice Gay**”, Prim’Awla, 5 ta’ Ottubru 1972; “**Silvio Frendo et -vs- Andrew Faenza**”, Appell, Sede Inferjuri, 2 ta’ Gunju 2000).

Din il-Qorti ghamlet rassenja tas-suesposti decizjonijiet biex telucida l-punt illi l-argomenti ta’ l-ewwel Qorti ma kienux konfacenti ghall-principju. Fil-kaz in ezami l-provi prodotti tad-diskussjonijiet u nkontri kienu iva indikattivi tad-disponibilita` tal-konvenut li jitratta, anke bi hsieb ta’ soluzzjoni, l-kwestjoni dwar il-qaghda tal-hajt akkummat, il-kejl u l-ammont pretiz ghall-appogg. Dan l-atteggjament tal-konvenut ma kellux pero` jigi tradott bhala xi rikonoxximent da parte tieghu tad-drittijiet pretizi fil-kawza. Anke kieku stess kellu jigi ritenut illi jezisti dubju fl-interpretazzjoni ta’ dan l-istess atteggjament, kif saput, u hekk ukoll akkolt, “fejn jezisti dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt” (**Kollez. Vol XXXIII pI p44**).

Raggunta din il-konkluzjoni hu l-kaz li din il-Qorti twarrab is-sentenza moghtija fis-7 ta’ Dicembru 2001 li biha cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li fil-kaz in ezami, in kwantu trattasi minn dritt ta’ hlas ta’ appogg, hi dik ta’ hames snin a norma tal-artikolu 2156 (f). Ara “**Teresa Schembri et -vs- Joseph Delia**”, Prim’Awla per Imhallef Rutter Giappone, 5 ta’ Marzu 1981, konfermata in sede appell fis-7 ta’ Marzu 1984. Terminu dan li f’dan il-kaz thalla jiddekorri minghajr ebda att ta’ interruzzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti fl-ewwel lok, filwaqt li tilqa’ in parte l-pregudizzjali sollevata tal-irritwalita` tal-appell in

kwantu din tolqot is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta’ Ottubru 2003, tirrespingi l-istess pregudizzjali fir-rigward tas-sentenza tas-7 ta’ Dicembru 2001. Fit-tieni lok tilqa’ l-appell interpost mill-konvenut u b’hekk thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-7 ta’ Dicembru 2001 fejn din cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. In vista tal-akkoljiment li qed issir issa tal-preskrizzjoni eccepita, tichad it-talba tal-attur.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------